KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 465 (9-8)

It-Tnejn 16 ta' Diċembru 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Julian Borg
Il-Viċi Sindku Ryan Cachia (daħal għal laqgħa fis-6.22pm)
Il-Kunsillier Christopher Farrugia
Il-Kunsillier Dominic Grech
Il-Kunsillier Charles Vassallo

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsillier Albert Pace

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi – 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi SĠW 1073
t +356 2146 6000 f +356 2146 2946
e siggiewi.lc@gov.mt w www.siggiewi.gov.mt KLSiggiewi

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**465.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**465.1.1** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**465.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 464. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Kunsillier Christopher Farrugia ssekonda. Il-Kunsill approva il-Minuti bħala dokument.

**465.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

Ma kienx hemm punti mill-Minuti.

**465.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**465.3.1** **Proposti tat-traffiku fil-Pjazza**

Is-Sindku nforma li l-laqgħa ma' Transport Malta dwar il-proposti tat-traffiku fi Pjazza San Nikola u t-toroq biswit ser issir nhar l-Erbgħa 12 ta' Diċembru f'nofsinhar fl-uffiċċji ta' TM Ħal Lija. Is-Sindku stieden lill-kunsilliera jattendu. Il-punti diskussi jiġu mressqa fis-Seduta li jmiss.

**465.3.2** **Vjal Kulħadd**

Is-Sindku informa li rigward is-sottomissjoni tal-proġett Vjal Kulħadd, dan ġie acknowledged u irċevejna dwar diversi kjarifiki u ntalbet aktar informazzjoni. Is-Sindku qal li qed tiġi formulata r-risposta.

**465.3.3** **Claims għall-ħsarat**

Is-Sindku informa li dan l-aħħar ġew riċevuti erbgħa claims ta' ħsarat ta' vetturi kkważati minn ħofra fi Triq l-Imqabba (Ta' Kandja). Hu qal li ġie notifikat b'din il-ħofra mill-midja soċjali fil-weekend, u mill-ewwel ġew notifikati kemm is-sezzjoni tal-emerġenza ta' Transport Malta u anka l-Pulizija. Il-ħofra ssewwiet l-ewwel ħaġa it-Tnejn filgħodu mill-ħaddiema tal-kunsill. Is-Sindku propona li dawn il-claims jitħallsu, anka jekk din ma kinetx b'negliġenza minn naħa tal-Kunsill, il-kawża tal-ħsarat kienet il-ħofra fit-triq li taqa' taħt ir-responsabilta' tal-kunsill.

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li kemm ilu jiftakar hu anka sa ftit ilu, kien hemm il-prassi tal-arbitraġġ, fejn il-kunsill dejjem saħaq li mhux kompitu tiegħu li jivverifika il-każ, dan fid-dawl anka ta' każijiet li tlajna nixhdu għalihom il-Qorti. Hu qal li l-kunsill m'għandux ir-riżorsi biex jivverifika każijiet individwali. Hu qal li għandu jkun hemm qbil unanimu mill-kunsill fuq id-deċiżjoni tal-kull każ u l-kunsill irid jieħu ċerta pożizzjoni għax filwaqt li dawn il-claims riċevuti ma jammontawx għal spejjeż kbar jista' jkun hemm każijiet differenti fejn jonħoloq preċedent.

Is-Sindku qal li f'każ riċenti fejn kien hemm arbitraġġ, il-kunsill ħallas l-ispejjeż, fl-istess ċirkostanzi. Hu qal li il-każijiet riċevuti għandhom jiġu kkunsidrati individwalment minħabba li jista' jkun hemm abbużi. Hu qal li anka l-fatt li hemm erbgħa claims fuq l-istess ħofra li nafu li kienet hemm juri l-ġenwinita' tal-claims, u anka biex f'dan il-każ, jiġu evitati spejjeż żejda ta' avukat. Is-Sindku qal li għandna nieħdu l-parir legali dwar jekk għandux jinħatar bord biex jitratta kull claim individwali. Il-Kunsillier Dominic Grech qal li għandu jkun hemm verifika kemm il-ħatra ta' bord u d-deċiżjoni tiegħu huma fil-fatt legali. Kien hemm qbil li l-erbgħa claims riċevuti fuq ħsarat ikkawżati milll-istess ħofra fi Triq l-Imqabba kif spjegat qabel jiġu rifużi.

**465.3.4** **Każijiet ta' infurzar fiż-żona Ta' Kandja**

Is-Sindku qal li b'referenza għar-rikjesta fl-aħħar Seduta biex tintalab informazzjoni mingħand l-ERA dwar każijiet ta' infurzar fiz-zona ta' Kandja/ Triq l-Imqabba, huwa qal li fil-lista hemm tlett każijiet biss. Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li minn dawn it-tlett każijiet m'hemmx inkluż każ partikolari li ilu jittella' żmien fil-midja soċjali. Hu talab li tintalab l-istess informazzjoni lill-Awtorita' tal-Ippjanar.

**465.3.5** **Stima għal xogħol ta' konservazzjoni tal-istatwa ta' San Pawl**

Is-Sindku talab lill-Viċi Sindku jispjega. Il-Viċi Sindku qal li wara konsultazzjoni dwar ix-xogħolijiet neċessarji, inġiebet stima biex ikollna idea ta' xi spejjeż jinvolvi dan ix-xogħol. Hu spjega x'intervent hemm bżonn skont l-espert li hu intervent simili għall-istatwa tar-Redentur f'Tal-Għolja, u qal li dan ix-xogħol stmat sa massimu ta' €5000. Il-Kunsill qabel li jkun idejali jekk ikun hemm opinjoni mingħand espert ieħor u li jsir ix-xogħol neċessarju.

**465.3.6** **Stima għal dwal mal-istatwa ta' San Nikola fil-Pjazza**

Is-Sindku talab lill-Viċi Sindku jispjega. Il-Viċi Sindku qal li intalbet konsultazzjoni dwar installazjoni ta' dwal xieraq mal-istatwa. Hu qal li tħejja simulation report li jispjega r-riżultat finali, b'diversi punti ta' dwal li jagħtu fuq l-istatwa minn angoli differenti. Hu qal li l-istima riċevuta hija ta' €14,000 u għalhekk taqbeż kemm bħala budget u anka bħala ammont ta' procurement.

**465.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**465.5** **Aġġornament – Dekasteri u responsabbiltajiet**

**465.5.1** Il-Viċi Sindku qal li kif diġa semma qabel, għamel laqgħat ma' konsulenti u esperti dwar ir-restawr tal-istatwa ta' San Pawl u dwar installazjoni ta' dawl mal-istatwa ta' San Nikola tal-Pjazza. Hu qal li bħala dekasteru kultura hemm pjan biex għas-sena d-dieħla isiru sezzjonijiet edukattivi u anka ħarġiet kulturali. Hu informa li mill-ġimgħa d-dieħla ser jibdew jiġu installati it-tabelli tal-Merħba flok dawk eżistenti fejn inbidel id-disinn u anka żdiedet xi informazzjoni. Hu qal li ser jiżdiedu tnejn oħra mal-ħamsa li diġa kien hemm, fit-truf tal-konfini tas-Siġġiewi.

**465.5.2** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li wara l-koordinament tat-tilqim miċ-ċentru ċiviku, dan il-weekend ser ikun haw il-bank tad-demm fil-pjazza. Hu qal li l-koordinament tat-tindif fl-attivita' tas-6 ta' Diċembru mexa tajjeb ħafna kemm mal-kuntrattur u anka mad-Dipartiment tal-Cleansing. Qal li t-tindif mar tajjeb ukoll fl-attivita tat-13 ta' Diċembru. Hu ta aġġornament dwar l-installazjoni ta' cctvs fejn hemm dewmien minn naħa tal-kuntrattur għal dawk tal-kunsill u minn naħa ta' konnessjoni tal-MITA għal dawk tar-Reġjun.

**465.5.3** Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li fl-ambitu ta' sport sar it-tournament tal-football mar-Reġjun Punent fit-13 ta' Diċembru li kien suċċess, hu qal li qed isiru l-preparamenti għall-maratona tal-aħħar tas-sena fid-29 ta' Diċembru 2024. Hu qal li qed isiru taħdidiet mal-Klabb tal-Futbal biex jiġi ffinalizżat il-ftehim għall-użu tal-ground tal-football tas-Siġġiewi.

**465.5.4** Il-Kunsillier Dominic Grech qal li filwaqt li m'għandu l-ebda dekasteru, iħoss li mhux qed jinżamm in the loop f'dak li qed jiġri fis-sotto kumitat kultura. Hu qal li japprezza jekk ikun aġġornat. Hu qal li huwa dispost jagħti daqqa t'id fl-organizzazjoni ta' Jum is-Siġġiewi. Is-Sindku qal li l-preparamenti għal Jum is-Siġġiewi jibdew wara l-events tal-Milied.

**465.6** **Aġġornament – Proġetti infrastrutturali u inizjattivi**

**465.6.1** **Ġnien il-Familja**

Is-Sindku qal li huwa previst li ikun lest għal nofs Frar. Hu qal li qed jinsisti li jingħata l-ewwel saff ta' tarmac biex almenu jinqatgħu it-trabijiet fl-ewwel parti, fejn imbgħad jitkompla l-cable tal-Enemalta fit-tieni parti u jitkompla sal-wied. Hu qal li ikun jonqos it-tpenġija tas-simulation area, il-konnessjoni tac-CCTVs, tiġi ffinalizżata l-lattrina u l-landscaping.

**465.6.2** **Ġnien ta' Ramija**

Is-Sindku qal li kull ġimgħa qed jibgħat lid-Dipartiment tax-Xogħolijiet biex ikolli aġġornament tax-xogħolijiet biex jitkompla. Hu qal li tkompla d-dawl u fadal tlett tenders separati, tad-dwal, għamara tat-triq u landscaping. Jidher li t-tenders tax-xogħolijiet inħarġu tard u għalhekk hemm dewmien sakemm jingħalaq il-proċess ta' procurement. Il-Kuntratt ta' manutenzjoni tal-landscaping huwa għal sentejn.

**465.6.3** **Tindif tal-Widien**

Is-Sindku informa li kien tlesta t-tindif tal-widien Ta' Brija u Wied Xkora mid-Dipartimenti konċernati, kif ukoll li kien sar eżerċizzju biex jitneħħew pjanti invażivi u qasab. Hu qal li inħoloq diżlivell li jista' jkun ta' periklu u għalhekk ġew ordnati numru ta' delineators biex jiġu installati mmedjatament. Qal ukoll li f'Wied Xkora intlaqat ħajt ta' terzi, fejn saret komunikazzjoni bejn id-dipartiment u s-sidien biex jiġi rranġat.

**465.6.4** **Proġett Bankini**

Is-Sindku qal li l-proġett tal-bankini miexi kif pjanat fejn minn Lot 2 hemm is-60% tax-xogħol komplut, Lot 3 hemm bżonn tindifa tajba u ftit ġranet oħra xogħol biex jitlesta. Hu qal li ġew sottomessi tlett toroq tal-bdiewa fis-sistema li kienu fil-lista tat-talbiet reġistrati fl-uffiċċju u qed nistennew li jiġu proċessati f'Jannar, dawn huma trejqa fi Triq tal-Għaqba, trejqa fi Triq it-Tiġrija, trejqa fi Sqaq ta' Bur il-Kbir.

**465.7** **Road humps for Triq Karmenu Vassallo u Triq in-Nirien**

**465.7.1** Is-Sindku rrefera għall-intervent tar-residenti u l-kummenti negattivi riċevuti fl-uffiċċju rigward l-effett negattiv tal-isleeping policeman minn meta ġew installati. Ir-residenti lmentaw dwar ħsejjes mit-trakkijiet, kemm meta jkunu mgħobbija u speċjalment fil-ħinijiet bikrin meta jkunu vojta allura jagħmlu iktar ħsejjes, materjal li jaqa' mill-kaxxa x'ħin jgħaddu minn fuq it-tumbata, inkonvenjent u ħmieġ. Hu wera wkoll ritratti preżentati mir-residenti. Is-Sindku qal li dawn ġew installati b'approvazzjoni minn Transport Malta iżda bi proviso li kien hemm konsultazzjoni mar-residenti, fejn skont ir-residenti li twaħħlu quddiemhom ħadd ma kien ikkonsulta magħhom. Għalhekk qed iressaq id-deċiżjoni quddiem il-Kunsill.

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li din hija sitwazzjoni fejn residenti jitolbu sleeping police iżda mhux wara biebhom. Hu qal li l-kunsill irid jieħu deċiżjoni bejn jekk iridx ineħħi l-periklu jew l-inkonvenjent. Hu qal li din hija prassi komuni li l-ewwel pressjoni biex isiru l-humps imbgħad ikunu jridu jneħħuhom.

Is-Sindku qal li fil-preżent, talbiet għall-sleeping police fl-urban jinżammu on hold minħabba dan. Hu qal li fiż-żona urbana joħolqu iktar inkonvenjent milli soluzzjoni. Il-Kunsillier Charles Vassallo staqsa jekk kienx hemm konsultazzjoni mar-residenti qabel dawn ġew imwaħħla. Hu staqsa jekk dawn ir-residenti li qed jilmentaw kienux affermaw li jriduhom, dejjem jekk kien hemm xi tip ta' konsultazzjoni magħhom.

(7.05pm) Is-Sindku ssospenda s-Seduta biex jintervjenu r-residenti involuti.

(7.09pm) Is-Sindku kompla l-laqgħa. Huwa qara l-kundizzjonijiet fuq id-dokument ta' approvazzjoni ta' transport Malta "*The Local Council is to carry out the necessary consultation and ensure that there is an agreement with residents in the road for the installation of the hump/s*."

Fid-dawl li r-residenti kkonfermaw li huma qatt ma ġew ikkuntattjati, is-Sindku propona li jitneħħew dawk ta' quddiem ir-residenti ta' Triq Karmenu Vassallo in-naħa ta' fuq u naraw l-andament. Hu qal li l-Kunsill anka daħal fi spejjeż żejda ta' tindif minħabba l-ammont ta' trab li twaqqa'. Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li meta jkun hemm talba qabel tintbagħat lil Transport Malta għandu jkollu ittra tal-kunsens miktuba mir-residenti.

**465.8** **Attivitajiet tal-Milied 2024 – Aġġornament**

**465.8.1** Is-Sindku qal li l-kunċert Musical Tidings tat-12 ta' Diċembru kien suċċess, u kien hemm attendenza tajba ħafna. Hu qal li attivitajiet ta' dan il-kalibru huma ta' preġju għal-lokalita' u jagħmlu unur lill-Kunsill.

**465.8.2** Is-Sindku qal li l-attivita' Villaġġ ta' Nikola tat-13 ta' Diċembru intlaqgħet tajjeb ħafna u rċieva ħafna kummenti pożittivi. Hu qal li t-temp kien favorevoli u l-kunċett li l-attivita' kienet mifruxa fuq toroq sekondarji intgħoġbot, anka mir-residenti. Is-Sindku qal li l-attivita' ittellgħet b'affarijiet minimi fejn l-ispiża inżammet taħt kontroll iżda kien hemm koordinazzjoni tajba ħafna minn numru ta' volontarji u għalhekk setgħet tkun suċċess. Hu qal li din is-sena wkoll kellna numru tajjeb ħafna ta' parteċipanti u stalls u kien hemm bejgħ tajjeb mill-għaqdiet.

**465.8.3** Is-Sindku qal li mexjin tajjeb il-preparamenti għall-End of year Race tad-29 ta' Diċembru. Hu qal li deħlin l-applikazzjonijiet u pagamenti fuq sistema online. Qal li diġa hemm diversi sponsors li ser jgħinu fejn s'issa hemm Teamsport bħala sponsor prinċipali, u l-istabbiliment Papas u Tinqixa li ser jagħmel trophies minquxa fuq il-franka. Hu qal li qed jitħejjew xi clips qosra ta' promozzjoni li qed jiġu kkoordinati mill-Viċi Sindku u l-Kunsillier Chris Farrugia. Sal-lum daħlu fuq tmenin applikazzjoni.

**465.9** **Xogħolijiet fil-lattrina tal-Girgenti**

**465.9.1** Is-Sindku informa li x-xogħol fil-lattrina tal-Girgenti beda mill-ħaddiem tax-Xogħolijiet Pubbliċi. Hu qal li l-Kunsill provda skip u beda jinqala l-madum u l-fajjenza biex eventwalment ix-xogħol taħt l-iskema finanzjarja tar-Reġjun Punent, ikun lest sal-aħħar ta' Marzu 2025.

**465.10** **Kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali Ħaż Żebbuġ għal proġett f'Wied Hesri**

Is-Sindku qal li peress li l-widien jaqgħu taħt id-dekasteru tas-Sindku, ħa l-inizjattiva li jiltaqa' mas-Sindku ta' Ħaż Żebbuġ rigward Wied il-Hesri li jaqa' taħt iż-żewġ konfini. Hu qal li tkellmu dwar koperazzjoni għal żamma, awareness u iktar użu ta' daw l-inħawi mill-pubbliku. Is-Sindku qal li hemm bżonn interventi minimi, tneħħija ta' siġar aljeni u taħwil ta' siġar indiġeni, senjaletika informattiva, senjaletika miżbugħa għal prijorita' pedonali, installazzjoni ta' puġġaman tal-injam, tisqija u tindif. Hu qal li it-tneħħija tas-siġar u pjanti aljeni diġa qed isir minn volontarji fejn il-Kunsill jiprovdi skip meta jkun hemm bżonn. Is-Sindku qal li fis-seduta li jmiss ikun jista' jiprovdi iktar dettalji u spejjeż fejn qed jiġi stmat madwar €6,000 kull kunsill. Ser tintalab għajnuna mid-Dipartimenti kkonċernati. Huwa pjanat li għall-aħħar ta' Marzu jew April issir attivita' ambjentali mat-tfal.

**465.11** **Tenders**

**465 .11.1** Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li it-tender LCS48/24 Supply and Installation of PV Panels and Batteries at the Siggiewi Local Council office using Environmentally Friendly Products, ġiet estiża id-data tal-għeluq tat-tender sal-20 ta' Diċembru minħabba xi kjarifiċi. Dan it-tender huwa b'kollaborazzjoni mal-Energy and Water Agency.

**465.11.2** Rigward it-Tender tal-Knis LCS2/24, is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan ġie magħluq u qed isir il-proċess għall-garanzija bankarja biex eventwalment f'Jannar jibda jopera l-kuntrattur Owen Vella.

**465.12** **Approvazzjoni ta' qualification allowance tal-Uffiċjal Eżekuttiv**

**465.12.1** Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-uffiċjal eżekuttiv kwalifikat b'High Diploma in Politics and Governance. Wara li vverifikat mad-Dipartiment Gvern lokali li din tikwalifika għal Qualification Allowance, qed tintalab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex l-impjegata tibda tieħu l-allowance skont ir-rati tas-servizz Pubbliku u kif imniżżel fil-ftehim kollettiv. Il-Kunsill unanimament qabel.

**465.13** **Ftehim mas-Siġġiewi Football Club – Diskussjoni dwar l-emendi proposti**

**465.13.1** Is-Sindku preżenta l-emendi imressqa mill-Football Club għall-ftehim diġa preżentat u qara l-punti għad-diskussjoni. Rigward punti 1, għandha tingħata raġuni jekk xi ħadd mill-partijiet ikun ħa jwaqqaf il-ftehim u jingħata notice ta' tlett xhur, rigward punt 2, il-Kunsillier Dominic Grech qal li ma jaqbilx li ma jkunx hemm rendikont ta' spjejjeż, u qal li għandu jkun hemm trasparenza ta' x'qed isiru mill-flus mogħtija, sakemm il-flus mhux ser jingħataw biex ikun hemm preżenza ta' persuna. Is-Sindku qal li daw għandhom jgħaddu għand l-avukat tal-kunsill fejn jiġi rivedut kull punt imsemmi.

**465.14** **Health Insurance – Renewal**

**465.14.1** Is-Sindku talab lis-segrtarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-polza ta' assikurazzjoni tas-Saħħa waslet biex tiġġedded. Hi qalet li l-Kunsill ikopri lill-kunsilliera u l-ħaddiema fuq basic scheme, u hemm prezz sussidjat għal membri tal-familja għal min jixtieq, kif indikat fiċ-ċirkolari AKL2024/083 diġa ċċirkolata. Hija talbet li min hu interessat li jkun kopert hu jew jinkludi lil xi ħadd mill-familja għandu jgħaddi l-informazzjoni neċessarja mill-iktar fis lill-uffiċċju. Il-Kunsill unanimament approva it-tiġdid.

**465.15** **Approvazzjoni tal-Financial Statement Q3 (Lulju-Settembru)**

**465.15.1** Is-Sindku rrefera għar-Rapport preżentat u talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan ir-rapport juri il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill għat-tielet kwart tas-sena li jkopri l-perjodu minn Lulju sa Settembru. Is-Sindku propona l-approvazzjoni. Il-Kunsill unanimament approva r-rapport kif preżentat.

**465.16** **Laqgħa tal-Lokalita' 2025**

**465.16.1** Is-Sindku qalli kif provdut fil-Liġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993, għandha ssir laqgħa tal-lokalita' sabiex issir spjega tal-estimi finanzjarji u l-pjan ta' ħidma għas-sena 2025. Is-Sindku propona id-29 ta' Jannar 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija. Kien hemm qbil dwar id-data.

**465.17** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

Il-Viċi Sindku ddikjara interess fuq applikazzjoni PA349/24. Is-Sindku iddikjara interess fuq applikazzjonijiet PA7901/24 u PA3818/24.

**465.17.1** Applikazzjoni PA02532/24, Il-Mistrieh 1, Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Siggiewi, *Description of works: To excavate site to the required levels and construction of an underground water, reservoir, settling tank, and a cesspit. Construction of a new sheep farm according to VRD circular FCCU001-23 including ancillary facilities such as milking parlor, room for manufacture of cheeselets, office and sanitary facilities. Reconstruction of pre-1968 rubble walls and fixing of timber gate*.

Ġie preżentat ir-rapport preparat mill-Perit tal-Kunsill u diġa ċirkulat. Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li diġa hemm policies eżistenti dwar distanza li żvilupp bħal dan jista' jkun minn residenzi. Il-Kunsillier Dominic Grech qal li hu ma jaqbilx ma' dawn il-punti u li ma jaħsibx li huwa kompitu tal-Kunsill li joġġezzjona għal tali żviluppi meta kulħadd jgħid biex inħaddnu t-tradizzjonijiet maltin imbgħad ser issir oġġezzjoni għal razzett tan-ngħaġ. Wara diskussjoni, is-Sindku propona li ssir sottomissjoni bil-punti preżentati. Kien hemm qbil dwar dan.

**465.18** **Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

B'referenza għat-talba ta' uffiċċju tal-posta fil-lokalita', hemm informazzjoni li fil-ġranet li ġejjin, is-sub post office ser ikun iservi minn ġewwa negozju fi Triq it-Tabib Nikola Zammit.

**465.19** **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**465.20** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**465.20.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsill unanimament approva.

**465.21** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**465.21.1** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li mill-midja soċjali sar jaf li ġie inawgurat ċentru tat-telemediċina fil-lokalita'. Hu qal li l-Kunsill Lokali li hu l-ogħla awtorita' tal-lokalita' għandu jkun infurmat u saħansitra mistieden għal daw l-avvenimenti. Hu qal li din hija it-tieni istant fejn il-Kunsill isir jaf mill-midja soċjali wara li iktar kmieni s-sena l-oħra ġiet inawgurata l-berġa. Hu propona li jsir komunikat uffiċjali mal-Primary Health Care dwar dan.

**465.21.2** Il-Kunsillier Vassallo qal li qed ikollna ħafna rapporti ta' rimi illegali ta' terrapien fl-urban u ssuġġerixxa li ssir kampanja edukattiva dwar kif persuna jista' jiddisponi minn dan l-iskart.

**465.21.3** Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li hemm talba għal mera il-bypass kif toħroġ minn Triq l-Għid. Qal ukoll li irċieva rapporti li Ta' Brija l-iscammel qed jolqot il-gallarijiet u hemm bżonn tabella li tindika l-għoli tat-trakkijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li diġa kien hemm tabella simili, filkas niċċekjaw għadhiex hemm.

**465.21.4** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li l-isleeping police Ta' Kandja quddiem tal-Pulizija ma jidhrux u hemm bżonn issir żebgħa. Qal ukoll li hemm bżonn dawra l-bankina tal-pjazza għax haw xi madum jiċċaqlaq u qiegħed perikoluż.

**465.21.5** Il-Viċi Sindku qal li d-dawl fi Ġnien is-6 ta' Diċembru mhux jixgħel. Hu ssuġġerixxa li jsiru parking bays quddiem iċ-ċimiterju u spazju għal blue parking bay.

**465.21.6** Il-Kunsillier Dominic Grech qal li hemm parking bay safra fi Triq San Ġakbu li m'għadhiex tintuża u għalhekk tista' titneħħa.

**465.21.7** Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li hemm double yellow lines ħdejn ħanut fi Triq Ramija mingħajr użu u jistgħu isiru parking bay bajda. Hu qal ukoll li d-dawl f'Misraħ il-Vittmi tal-Gwerra ma jixgħelx. Is-Sindku qal li hemm ħsarat minn taħt l-art u qed naraw il-possibilita li jsiru dwar solari.

**465.21.8** Ikla tal-Milied
Is-Sindku propona li ssir ikla fl-okkażjonijiet tal-festi bejn il-kunsill u l-ħaddiema kollha fid-9 ta' Jannar 2025. Il-Kunsill unanimament qabel.

**465.22** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fit-8.30 ta' filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 13 ta' Jannar 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 13 ta' Jannar 2025

Il-Perit Julian Borg
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv